# Anniversarji

**Kitba ta' Mario Attard**

Il-Kan. Dun Joe Abela
Mons. Dun Victor Grech
Kan. Dun Ġużepp Zammit
Dun Jesmond Manicaro
Fra Mark Sciberras O.P.

Din is-sena, Bormla ferħet tiċċelebra ħames xorta ta' anniversarji ta' natura reliġjuża. Dawn huma mqassmin hekk: Il-Kan. Też. Dun Ġużepp Zammit, il-Kan. Kant. Dun Joe Abela u Mons. Victor Grech għalqu sittin sena saċerdoti. Il-Kan. Dek. Dun Jesmond Manicaro ħamsa u għoxrin sena saċerdot u Fra Mark Sciberras O.P. għalaq ħamsin sena Dumnikan. Tajjeb insemmi hawn li Dun Ġuzepp Zammit, Dun Joe Abela u Dun Jesmond Manicaro jagħmlu xogħol pastorali f'Bormla.

Nhar is-17 ta' Marzu 2016, ġewwa l-parroċċa Kolleġġjata ta' Bormla fis-sitta ta' filgħaxija saret quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla mill-kanonċi Dun Joe Abela u Dun Ġużepp Zammit fil-preżenza sabiħa ta' fidili. Fl-istess waqt, Mons. Victor Grech li huwa Bormliż iżda għex il-parti l-kbira ta' ħajtu fiż-Żejtun, kien ħa l-ordinazzjoni tiegħu flimkien maż-żewġ kanonci msemmija fl-1956. Bħal dakinhar sittin sena ilu, l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien ordna 32 qassis b'kollox. Dun Jesmond Manicaro ngħata l-Ordni Sagri mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-1991. Fra Mark Sciberras ħa l-professjoni tiegħu fi ħdan l-Ordni Dumnikana fl-1966.

Bħala sinjal ta' apprezzament għall-ħidma pastorali twila ta' dawn il-ministri ta' Alla, sejrin inħarsu lejhom fil-fond u bis-saħħa ta' hekk insiru nafuhom wisq aktar milli wieħed jista' jaħseb.

## Il-Kanonku Kantur Dun Joe Abela

Għalkemm Dun Joe Abela beda jwettaq il-ħidma pastorali tiegħu f'Bormla fl-1993, il-familja tiegħu kienet ilha marbuta ma' Bormla. L-ewwel fi żmien it-tieni gwerra dinjija meta laqgħet żewġ familji refuġjati minn Bormla fid-dar tagħhom fiż-Żejtun u t-tieni meta missieru kien



jaħdem bħala *shipwright* fit-Tarzna. Missier Dun Joe ta' kuljum kien jisma' l-quddiesa fil-knisja ta' San Pawl qabel jibda x-xogħol. Bħala konfessur kellu lill-Kanonku Burlò li f'dak iż-żmien kien jieħu ħsieb il-knisja ta' San Pawl. Iżjed minn hekk, wara li Dun Joe kien ħa l-quddiesa fis-17 ta' Marzu1956, il-Kanonku Burlò kien stiednu jqaddes fil-knisja ta' San Pawl. Min-naħa l-oħra, 'il quddiem kien iqarar fl-istess konfessjonarju li fih il-Kanonku Burlò kien iqarar lil missieru.

Dun Joe Abela twieled fiż-Żejtun nhar l-1 ta' Novembru 1931. Il-ġenituri tiegħu kienu Carmelo u Maria Grazia Desira miż-Żejtun. Il-formazzjoni reliġjuża tiegħu bdiet mid-dar u kompla jsaħħaħha mill-MUSEUM, mill-Azzjoni Kattolika, mill-Juventutis Domus taż-Żejtun u anki mill-Kor

Fl-eqqel tal-gwerra attenda fl-iskola primarja taż-Żejtun peress li l-familja Abela matul l-gwerra baqgħet tgħix fiż-Żejtun. Mill-eżami għal-Lyceum kien ġie l-ewwel minn Malta kollha u ngħata *scholarship*. Minn hemm daħal fl-Università ta' Malta fejn ingħata *scholarship* biex fl-1952 iggradwa B.A. (Hons.) fl-Ingliż u l-Liċenzjat fit-Teoloġija fl-1956. Ingħata *sholarship* ieħor u studja Ruma fl-Università Gregorjana fejn iggradwa fl-Istorja tal-Knisja fl-1960. Lura Malta għallem il-lingwa u l-letteratura Ingliża kif ukoll l-istorja ta' Malta u tal-Ewropa fis-Seminjarju Minuri fil-klassijiet il-kbar bejn is-snin 1960-1991. Għallem l-istorja tal-Knisja lir-reliġjużi fl-INSERM bejn is-snin 1979-1983. Aktar 'il quddiem għallem l-Ingliż fil-klassijiet tal-adulti fl-iskola Paolo Freire fiż-Żejtun. Wara li spiċċa mit-tagħlim fl-1992, l-Arċisqof Mercieca bagħtu jaħdem fit-Tribunal tal-Miżżewġin.

Bħala ħidma pastorali, Dun Joe Abela ħadem fil-parroċċa taż-Żejtun, fiż-żona ta' Bir id-Deheb u f'Wied il-Għajn. F'dak il-perjodu l-knisja ta' Wied il-Għajn għalqet ħamsin sena mit-twaqqif tagħha u b'rabta ma' dan Dun Joe ħareġ fi ktieb l-istorja tal-knisja ta' Wied il-Għajn. B'apprezzament, il-Kunsill Lokali ta' Wied il-Għajn onorah b'Ġieħ Wied il-Għajn. Fl-1993 inħatar kanonku tal-parroċċa ta' Bormla. Fil-Kapitlu ta' Bormla, Dun Joe serva bħala Kanonku Penitenzier u Kanonku Kantur. Il-ħidma pastorali tiegħu f'Bormla taf lit-talba lill-Arċisqof mill-eks-

Arċipriet Dun Victor Cilia, liema ħidma għadu jwettaqha minkejja l-età tiegħu billi jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-parroċċa u jqaddes fil-Ħdud fil-kappella ta' San Tumas fuq is-sur ta' Barra l-Mina.

Dun Joe Abela huwa wkoll kittieb l-aktar b'rabta mal-istorja ekkleżjastika. Ma setax jonqos li l-iktar li kiteb kien fuq iż-Żejtun, raħal twelidu. Apparti l-ewwel ktieb li kiteb **Triqat iż-Żejtun** insibu wkoll il-kotba **Storja tal-Kappella tal-Ħniena, Bir id-Deheb** fl-1985, **Il-Parroċċa taż-Żejun fis-Seklu XV** fl-1986, **Iż-Żejtun - Mitt Sena Arċipretali** fl-1989, **300 Sena Ilu – Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja taż-Żejtun** fl-1992 kif ukoll **Beland 150 Sena ta' Storja** fl-2012. Kiteb ukoll **Mitt Sena Ilu f'Marsaxlokk – Tifkira tat-Twaqqif tal-Parroċċa fl-1897** li ħareġ fl-1997. Magħhom insemmu **The Parish of Zejtun through the ages** fl-2006. Qaleb għall-Ingliż il-kotba **Teżori fil-Knejjes Maltin** ta' Tony Terribile. Bir-raġun kollu nifhmu għaliex il-Kunsill Lokali taż-Żejtun onora lil Dun Joe Abela b'Ġieħ iż-Żejtun.

Kiteb mijiet ta' artikli ta' natura storika, speċjalment fil-programmi tal-festa ta' bosta parroċċi lokali, fosthom b'rabta ma' Bormla. Bħala eżempju nsemmu "Cospicua on Good Friday and Easter Sunday" fl-1976, "Il-Familja Mifsud Bonnici fiż-Żejtun, fi Sqallija u fil-Kottonera" fl-1992, "L-Istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Xandru Farrugia" fl-1994, "Egħluq il-Mitejn Sena mit-twelid ta' Ludovik Mifsud Tommasi" fl-1996, "Il-Belt Cospicua u l-Gran Mastru Marc Antonio Zondadari" fl-1997, "Dr. Gaetano Bruno u l-Ġonna ta' ta' San Ġwann t'Għuxa, Bormla" fl-1998, "Il-Familja Diacono f'Bormla" fl-2000 u "Il-Passjoni ta' Ġesù fil-Kwadretti ta' Calì ġewwa Bormla" fl-2001.



## Il-Kanonku Teżorier Dun Ġużepp Zammit

Il-Kan. Dun. Ġużepp Zammit twieled f'Bormla fil-25 ta' Jannar 1928. Il-ġenituri tiegħu kienu Lorenzo Zammit u Gejta Azzopardi. Studja fis-Seminarju fejn sar qassis fis-17 ta' Marzu 1956. Malajr beda jagħti s-servizz pastorali fil-kunvent tal-Orsolini f'Bormla fejn dam Direttur Spiritwali sas-sena 2000. F'dik is-sena nfetħet id-Dar tal-Anzjani f'Bormla u beda jieħu ħsieb il-bżonn spiritwali tagħha. Fost ħidma pastorali oħra

nsibuh jgħin fil-qrar sal-2004 fil-parroċċa ta' San Bastjan, Ħal Qormi u fil-Missjoni ż-Żgħira fl-1956 fis-Siġġiewi.

Fl-1957 Dun Ġużepp kien Assistent Amministratur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann - xogħol li għalih wera ħila kbira. Tliet snin wara sar Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla u wara Primiċerju. Fl-1986 inħatar Prokuratur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss fejn għal bosta snin ħa ħsieb il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Irxoxt kif ukoll il-Festa tas-Salib li ssir kull nhar it-3 ta' Mejju. Illum il-ġurnata. Dun Ġużepp Zammit jinsab residenti fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla fejn iwettaq il-ħidma pastorali - liema ħidma sa ftit xhur ilu kien għadu jwettaqha wkoll fil-knisja parrokkjali Bormla.

Dun Ġużepp Zammit jibqa' marbut mal-kontribut siewi u twil li ta b'rabta mal-festi tar-Randan f'Bormla – ħidma li bdiet wara li kien is-suċċessur tal-Kan. Dun Ġużepp Cassar bħala prokuratur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss li kienet tieħu ħsieb il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, tal-Irxoxt u l-festa tas-Salib. Din il-kariga mbagħad intemmet meta għalaq sittin sena. Ir-responsabilità ta' Dun Ġużepp Zammit ma kinetx biss fil-purċissjonjiet imsemmija, imma wkoll inkarigat mill-Oratorju, responsabilità li daħal għaliha b'dedikazzjoni kbira u kontinwa sal-aħħar.

Bħala tifel huwa kien jilbes fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bħal meta kien iġorr waħda mis-seba' kelmiet – Sitio (Għandi l-Għatx). Meta mbagħad spiċċa minn prokuratur, minfloku laħaq il-Kanonku Dun Gustav Barbara.

## Mons. Victor Grech



Mons. Victor Grech twieled f'Bormla nhar id-19 ta' Ottubru 1929. Meta kien għad għandu ħames snin, il-familja tiegħu marret toqgħod fiż-Żejtun fejn trabba u kiber. Studja fl-Università ta' Malta fejn l-ewwel iggradwa B.A. fl-1952 u wara kiseb il-liċenzjat Lic.D fl-1956. Eżatt wara l-ordinazzjoni Dun Victor Grech għamel seba' snin bħala Viċi-Rettur tas-Seminjaru (1956-63) u erbatax-il sena bħala Rettur (1963-1977). Fl-istess waqt huwa direttur tal-vokazzjonijiet fuq skala nazzjonali. Serva bħala lettur fil-fakultà tat-Teoloġija kif ukoll lettur dwar suġġetti reliġjużi u soċjali fil-Kulleġġ tal-Għalliema Mater Admirabilis.

Waqqaf l-ewwel komunità ta'qassisin Maltin fil-Brażil u ħadem ma' Mons. Delleport fit-twaqqif tas-Seminarju Ewropew f'Maastricht ġewwa l-Olanda. Inħatar delegat tal-Isqof għall-ħidma soċjali u karitattiva fl-1977 fejn waqqaf komunità ta' voluntiera biex iwettqu servizzi soċjali f'istituzzjonijiet tal-Knisja. Seba' snin wara, fl-1984 waqqaf programmi ta' riabilitazzjoni u prevenzjoni mid-droga biex tkun tista' tingħata għajnuna lid-dipendenti fuq id-droga. Sena wara waqqaf il-Fondazzjoni Caritas għar-riabilitazzjoni ta' min jabbuża mid-droga. F'Settembru 2013 Mons. Grech irtira minn Direttur tal-Caritas.

Il-ħidma kontinwa u twila li ta fil-qasam soċjali u karitattiva ngħata għarfien fl-1993 meta nħatar membru fl-Ordni Nazzjonali tal-Mertu tar-Repubblika ta' Malta. Ingħata wkoll il-Premju Internazzjonali Lions Club għall-kontribuzzjoni umanitarja bla waqfien tiegħu. Inkomplu fuq aktar għarfien li ngħata billi nsemmu l-għoti tal-Midalja tad-Deheb mogħtija lilu mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ fl-2005. Għarfien internazzjonali ngħata lilu mir-reġjun ta' Lazio: il Lazio Tra Europa e Mediterraneo. Me setax jonqos li jingħata rikonoxximent ukoll minn belt twelidu: Bormla. Fl-2014 il-Kunsill Lokali ta' Bormla tah Ġieħ Bormla.

Fl-1968 kien nominat bħala kappillan tal-Papa Pawlu VI u prelat onorarju tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1981. Għaxar snin wara sar Kanonku tal-Kapitlu tal-Katidral.

Mons. Victor Grech ta l-kontribuzzjoni soċjali tiegħu bis-saħħa tar-radju. Għal żmien twil tella' programmi dwar il-familja kemm fuq Radju Malta kif ukoll fuq l-RTK. Laħaq ukoll liż-żgħażagħ bil-ħruġ ta' żewġ kotba fejn jittrattaw problemi li jgħaddu minnhom iż-żgħażagħ.

## Il-Kanonku Dun Jesmond Manicaro

Dun Jesmond Manicaro twieled ir-Raħal Ġdid fis-27 ta' Awwissu 1964. Flimkien ma' ħuh Leonard, il-ġenituri tagħhom John u Carmen tawhom trobbija u formazzjoni tajba. Wara li attenda l-iskola primarja tar-Raħal Ġdid u s-Seminarju Minuri, daħal fl-Università ta' Malta fejn kiseb il-Baċellerat fit-Teoloġija kif ukoll il-Liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali. Ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, nhar il-5 ta' Lulju 1991 Mons. Ġużeppi Mercieca ordnah saċerdot. Sittax-il ġurnata wara, qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' Kristu Re tar-Raħal Ġdid.

Wara l-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, Dun Jesmond Manicaro serva bħala viċi arċipriet fil-parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ iżda mbagħad



**It-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2016:** *Wara quddiesa li l-Kan. Jesmond Manicaro kellu mal-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.*

kompla l-istudji ogħla. Mill-Istitut Pontifiċju Liturġiku ta' San Anselmo f'Ruma kiseb il-liċenzjat kif ukoll id-dottorat fil-liturġija. Għad-dottorat ippreżenta t-teżi tiegħu *Liturgical Renewal in the Maltese Islands: A Historical Study (1840-1963)*, li kienet stampata fl-2004.

Wara li reġa' lura Malta, ħadem fil-parroċċa ta' Santa Luċija u serva bħala rettur tal-Knisja tal-Erwieħ f'Ħal Tarxien. Fid-19 ta' Novembru 2008, Dun Jesmond Manicaro nħatar kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla fejn għadu sal-lum jaqdi l-ħidma pastorali tiegħu.

Impenji oħra li nsibuh okkupat bihom il-Kan. Dun Jesmond Manicaro huma ta' *lecturer* fl-Università ta' Malta, delegat tal-Arċisqof għal-Liturġija, segretarju tal-Kummissjoni Liturġika Interdjoċesana kif ukoll *chairperson* tal-Kummissjoni Arti Sagra.

L-oqsma li fihom huwa speċjalizzat huma l-istorja tal-liturġija, l-arkitettura tal-knisja, l-arti liturġika, is-simboliżmu, il-formazzjoni liturġika b'mod speċjali l-ministri liturġiċi kif ukoll it-traduzzjonijiet liturġiċi.

Fost l-artikli li kiteb insemmu "Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Liturġija wara l-Konċilju Vatikan II" u "L-Anġli fil-Liturġija" mentri bħala traduttur qaleb il-kompendju "Katekiżmu tal-Knisja Kattolika". Ta' min isemmi

li għaż-żjara tal-Papa Benedettu XVI, edittja l-pubblikazzjoni "Pastoral Visit of His Holiness Pope Benedict XVI to Malta" fl-2010.

Dun Jesmond Manicaro ċċelebra l-ħamsa u għoxrin anniversarju tiegħu ġewwa l-Vatikan, eżattament fil-kripta tal-bażilika San Pietru, meta fl-14 ta' Ġunju li għadda huwa u saċerdoti sħabu ikkonċelebraw quddiesa flimkien mal-Papa Franġisku.

## Fra Mark Sciberras O.P.



Nhar it-13 ta' Mejju 1948 ġewwa Bormla, lill-koppja eżemplari Toni u Manwela Sciberras tweldilhom Alfred. Iddakkar mill-fatt li darhom kienet imdawra b'ambjent reliġjuż: il-Monasteru ta' Santa Margerita bis-sorijiet Tereżjani tal-Klawsura, bil-kunvent tal-partijiet Tereżjani, bis-sorijiet tal-Konservatorju ta' San Ġużepp u biċ-ċentru tal-Museum filwaqt li ommu u missieru dejjem ħadu ħsieb lis-sorijiet fil-bżonnijiet tagħhom. Bħala tifel, Fra Mark Sciberras kien abbati mal-patrijiet Tereżjani f'Bormla. Kien jattendi għall-ġranet tan-novena tal-Kunċizzjoni fil-parroċċa ta' Bormla.

Bħala żagħżugħ fil-qalb ta' Alfred trawmet ġibda reliġjuża li skopriha ta' sittax-il sena permezz tal-Kunvent tal-patrijiet Dumnikani fil-Birgu. L-ewwel tkellem mal-Pirjol Patri Lino Frendo O.P. u ġranet wara mal-Provinċjal Patri Serafin Zarb O.P.

Nhar il-15 ta' Ġunju 1965 Alfred Sciberras (kif kien jafu s-seklu) sar Fra Mark Sciberras O.P. Dan kien fil-kunvent tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamangia. Milqugħ mill-Pirjol Patri Piju Rapa O.P., Fra Mark beda sena novizzjat taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Pawl Bugeja O.P. Fid-29 ta' Ġunju 1966 huwa għamel il-professjoni reliġjuża fl-Ordni Dumnikana.

Fil-komunità ta' Gwardamangia, Fra Mark Sciberras għex 27 sena fejn ħa ħsieb il-knisja bħala sagristan, jieħu ħsieb l-animazzjoni bil-kant, l-armar u iktar tard bħala ministru tat-tqarbin. Huwa kien jieħu ħsieb ukoll grupp ta' abbatini.

Fil-bidu tas-snin disgħin kien trasferit fil-kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat u erba' snin wara fil-kunvent tal-Belt fejn issa ilu tnejn u għoxrin sena. Il-ħidma reliġjuża tiegħu tikkonsisti billi jieħu ħsieb l-abbatini,

jamminstra t-tqarbin kemm fil-knisja kif ukoll fid-dar tal-morda.

Nhar it-Tnejn, 1 ta' Awwissu 2016 Fra Mark Sciberras fakkar il-ħamsin sena tal-professjoni reliġjuża tiegħu b'quddiesa pontifikali mill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawl Cremona O.P. Ta' min isemmi li dakinhar, Fra Mark Sciberras ħa ħsieb li jġedded ukoll fih l-element Bormliż għaliex filwaqt li l-quddiesa kienet animata mill-Kor Tota Pulchra ta' Bormla, iċ-ċelebrazzjoni għalqet bl-innu tal-Kunċizzjoni, Omm Beltna.

Bormla kollha tingħaqad ma' dawn il-ministri ta' Alla u tifraħ magħhom. Fl-istess waqt tawguralhom iżjed ħidma fir-raba' tal-Mulel. Jalla l-eżempji tagħhom iqanqlu l-qlub taż-żgħżagħ Bormliżi.

Ad Multos Annos!

Il-ħajja sabiħa,
GAWDIHA!

Smiley's
Bar & Restaurant
Marsalforn

*Specialising in*

*Curry, Chili, Pasta &*
*Local Maltese Food*
*Take away also available*
*Unbeatable Prices*

Tel: 2155 3096
Mob: 9980 9506